

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata.

— Evidentement, il-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod debit u imparzjali ċ-ċirkustanzi tal-kawża.

### **Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2017 – LG Vaquero Aviación et vs SRB**

**(Kawża T-670/17)**

(2017/C 424/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### **Partijiet**

Rikorrenti: LG Vaquero Aviación, S.L. (Alcorcón, Spanja) u 15-il rikorrent ieħor (rappreżentanti: M. Romero Rey u I. Salama Salama, avukati)

Konvenuta: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzjoni

#### **Talbiet**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017 li permezz tagħha ġie deċiż li tiġi adottata riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex jikkumpensa lir-rikorrenti għad-danni sostnuti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li l-ammont eżatt tiegħu jiġi ddeterminat ladarba l-informazzjoni kollha mitluba tiġi pprovduta u, b'mod partikolari, ir-rapport provviziżorju maħruġ minn Deloitte u dawk magħimula minn esperti indipendenti skont ir-Regolament UE 806/2014, li nitolbu li ningħataw aċċess għalihom.
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-kawża, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 133 u 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

### **Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2017 – Turbo-K International vs EUIPO – Turbo-K (TURBO-K)**

**(Kawża T-671/17)**

(2017/C 424/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Turbo-K International Ltd (Birmingham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. Norris, A. Muir Wood, Barristers)

Konvenut: L-Ufficijju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Turbo-K Ltd (Winchester, ir-Renju Unit)